MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 188/2005

**Dorothy Marshall (I.D. 42363M)**

**Vs**

**Rene' Renato Farrugia (I.D. 128366M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef u erba mitt lira Maltija (Lm4,400.00) rapprezentanti self 'brevi manu' lill-konvenut maghmul fl-1 ta' Frar 2003, fil-21 ta' April 2003, u fl-14 ta' Lulju 2003.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat mal-avviz, u bl-imghax legali mid-data tas-self, kontra l-konvenut.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-23 ta' Novembru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4,400.00 bl-imghax legali mis-6 ta' April 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tas-6 ta' April 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------